**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 17**

**Avviz Nru: 451/02AE**

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emmanuel Abdilla u l-istess Emmanuel Abdilla**

**vs**

**Joseph Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm251.67) [Lm200.67 lis-socjeta Atlas Insurance Agency Limited noe u Lm51 lil Emmanuel Abdilla]

minnhom sborzati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-Floriana fis-17 ta' April 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed jiftah il-bieba tal-vettura CTY 080 laqat u ghamel hsara fil-vettura bin-numru IAC 612 propjeta ta' l-attur, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol. 8) li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-kontendenti.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fis-17 ta' April 2001 sehh incident gewwa l-Floriana bejn vettura CTY 080 (li fil-hin ta' l-incident kienet ipparkjata) u l-vettura bin-numru IAC 612 misjuqa u propjeta ta' l-attur.

2. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod cjar li l-vettura tal-konvenut kienet ipparkjata nofsha fuq il-bankina u nofsha fit-triq. Fil-kors tal-proceduri l-konvenut baqa' jinsisti li l-vettura tieghu kienet ipparkjata kollha kemm hi fuq il-bankina. Il-provi juri mod iehor. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel

riferenza ghall-*prime note* li ghamel il-pulizija li mar fuq il-post ta' l-incident (PC 699 Kenneth Savasta) [Dok. RC1]. Ghalkemm PC 699 Kenneth Savasta ma xehedx quddiem it-Tribunal, PS 57 Raymond Caruana li kien l-ufficjal li ghamel l-okkorrenza u skizz (fol. 15 – 18) ikkonferma:

- Dok. RC1 sar minn PC 699 Kenneth Savasta fuq il-post ta' l-incident;

- Dak li jinghad fl-okkorrenza hija riproduzzjoni ta' dak li jinghad fid-dokument RC1 u ta' dak li qallu PC 699 Kenneth Savasta wara li nvestiga l-kaz.

Huwa opportun li jitfakkar li dan it-Tribunal m'huwiex marbut *"bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xiehda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jittratta"* (Artikolu 9[2][b] tal-Kap. 380).

3. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-attur hija dik l-iktar verosimili. It-Tribunal ma jhossx li ghandu jaghti ebda piz ghax-xhieda moghtija minn Emanuel Zammit li xehed fis-seduta tal-25 ta' April 2002 u ddikjara li l-vettura tal-konvenut kienet ipparkjata fuq il-

bankina u kellu l-bieba miftuha. Ix-xhud l-ewwel qal li kien ra l-incident isehh, u ftit wara biddel il-verzjoni u qal *"jiena l-habta ma rajtiex issehh. Mort ma gembhom wara l-incident"*. Din it-tip ta' inkonsistenza ma tghinx ghall-finijiet ta' kredibilita tax-xhud u t-Tribunal qieghed jiskarta x-xhieda moghtija minn dan ix-xhud.

4. Il-kawza prossima ta' l-incident kien il-fatt li l-konvenut qabad u fetah il-bieba tal-vettura tieghu minghajr ma hares jew ta' kaz ghall-vetturi li setghu kienu ghaddejjin. Bl-agir tieghu l-konvenut ta lok ghall-emergenza subitaneja u sehh l-incident. Ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni. Ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod tista' tixhet xi responsabbilta fuq l-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-17 ta' April 2001 gewwa Xatt Pinto, Floriana, jikkundannah ihallas lill-atturi is-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm251.67) [Lm200.67 lis-socjeta Atlas Insurance Agency Limited noe u Lm51 lil Emmanuel Abdilla], bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju 2001 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur0**